MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2007

Numru. 85/2007

**Il-Pulizija (Supretendent Mario Bonello)**

**vs**

**Kenneth Cutajar bin Emanuel u Lucia nee' Rapa, imwieled fit-13 ta' Novembru, 1980 u residenti 33, Triq Mattia Preti, Rabat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 27880(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Kenneth Cuatjar li gie akkuzat talli nhar it-13 ta' Settembru, 2006, ghal habta tat-20:00hrs waqt li kien barra l-istabbiliment L'Aragosta Restaurant, Triq ix-Xtut, Marsalforn, Ghawdex:

Kiser l-kundizzjoni tal-licenzja li tippermetti t-tqeghid ta' mwejjed u siggijiet ai termini tal-artikolu 15 (1), ta' Avviz Legali 128 tal-2002, pogga jew ippermetta li jitpoggew imwejjed u siggijiet barra l-ispazju permess mill-licenzja. U dan ukoll bi ksur tal-kondizzjoni tal-licenzji ta' stabbiliment li jipprovdi l-ikel (licence reference CE/0946 & P/Z/9/82) l-arikolu 43 (1) (b) tal-Kap 409 skond artikolu 23 (1) ta' l-Avviz Legali 128 ta' l-2002;

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija l-imputat jigi kkundannat ihallas multa ai termini tad-dispozizzjonijiet ta' l-artikoli 43 (1) u (2) tal-Kap 409 tal-Ligijiet ta' Malta.
Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Billi jirrizulta illi l-imputat kien responsabbli ghall-incident mertu tal-kawza u kiser il-kundizzjonijiet imposti fil-licenzja;

Wara li rat l-artikoli 43 (1) (b) tal-Kapitolu 409 tal-Ligijiet ta' Malta, u 23 (1) ta' l-Avviz Legali 128 ta' l-2002;

Issibu hati, u tikkundanna lill-imputat Kenneth Cutajar multa ta' Lm500 u tordna lill-imputat sabiex jikkonforma ruhu mal-licenzja fi zmien tlett (3) xhur mil-llum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------